MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 177/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-3 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Jannar 1971 bir-rit Kattoliku fil-Knisja gewwa Londra, kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat Dokument ‘A’;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi inoltre il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'anomalija psikologika serja illi rrendietha mpossibbli ghall-istess partijiet illi jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi fil-mument taz-zwieg, iz-zewg partijiet eskludew il-monogamija b'dan illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti nhar il-31 ta' Jannar 1971 huwa null u bla effett skond il-Ligi;

Illi l-partijiet isseparaw *a mensa et thoro* permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta' Gunju 1986 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia wara illi kienu ilhom *de facto* separati sa mill-1976.

Illi l-attur kien ipprezenta kawza quddiem Din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi bl-istess talbiet liema kawza giet iddikjarata dezerta fid-19 ta' Novembru 2004 u l-attur ghadu ghandu interess jaghmel din il-kawza;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi ai termini ta' l-Artikoli 19(1) (d) u (f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-ragunijiet fuq premessi illi z-zwieg celebrat mill-kontendenti fil-31 ta' Jannar 1971 null u bla effett skond il-Ligi u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attur u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-31 ta' Jannar 1971 a bazi tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta hija kontumacji, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika aktar f'kaz fejn il-konvenut jew konvenuta jkunu kontumacji ghaliex hu maghruf li l-kontumacja m'hijiex ammissjoni anzi kontestazzjoni fl-ordinament guridiku taghna.

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li

taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attur jidher li l-partijiet izzewgu wara li kienu jafu lill xulxin ghal ftit iktar minn sena. Izzewgu l-Ingilterra meta l-konvenuta kellha sbatax (17) il-sena u l-attur tnejn u ghoxrin (22) sena. Skond il-provi l-konvenuta kienet tahdem ta’ prostituta bil-protezzjoni ta’ l-attur u wara li kellhom zewgt itfal isseperaw *de facto* fl-1976 u legalment ghaxar snin wara. Mill-affidavit tal-attur jidher li dan ghex hajja xellerata mhux hazin u kellu diversi relazzjonijiet u anke kellhu tfal minn diversi nisa. Qed jghid illi issa biddel hajtu u jididspjacih ta’ li ghamel. Jirrizulta wkoll li kien imexxi l-prostituzzjoni kemm f’Malta u kemm barra. Il-Qorti naturalment mhix qeghda biex tghaddi gudizzji morali izda biex tiddeciedi l-kawzi u fil-kaz in esami jidher ben car li z-zwieg kien zopp mill-bidu kemm minhabba l-eta’ zghira tal-konvenuta u anke mill-hajja li kien jghix l-attur u c-cirkostanzi li kien hemm fir-rigward tar-relazzjoni ta’ bejniethom. Dan huwa kkonfermat tista’ tghid mid-deposizzjonijiet kollha li gew quddiem il-Qorti u l-fatt li z-zwieg kien gia’ intemm fi ftit snin huwa indikazzjoni cara illi l-partijiet hadu dan il-pass importanti f’hajjjithom b’mod legger wisq u taht cirkostanzi dubbjuzi u ghalhekk z-zwieg ghandu jigi dikjarat null a tenur tas-sub-artikoli (d) u (f) fuq imsemmija.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-31 ta’ Jannar 1971. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------